

Brussell, 18 ta' Frar 2021  
(OR. en)

6308/21

WTO 31  
SERVICES 3  
FDI 2  
COMER 16  
DEVTEN 27  
RELEX 115  
COMPET 114  
AGRI 69  
ENV 85  
DIGIT 24

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 66 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rieżami tal-Politika Kummerċjali - <b>Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva</b>

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 66 final.

Mehmuż: COM(2021) 66 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.2.2021  
COM(2021) 66 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u  
Assertiva**

## Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva

### **1. IL-POLITIKA KUMMERĊJALI EWROPEA FI ŻMIEN TA' TRASFORMAZZJONI EKONOMIKA U TA' INSTABILITÀ ĠEOPOLITIKA: TĦEJJIJA GĦAD-DINJA TAL-2030**

Il-kummerċ huwa wieħed mill-aktar għodod b'saħħithom tal-UE. Huwa l-qalba tal-prosperità u l-kompetittività ekonomika tal-Ewropa, filwaqt li jappoġġa suq intern vibranti u azzjoni esterna assertiva. Bħala riżultat tal-ftuħ tar-reġim kummerċjali tagħna, l-UE hija l-akbar negozjant fid-dinja ta' prodotti u servizzi agrikoli u manifatturati u tikklassifika l-ewwel fl-investimenti internazzjonali kemm 'il ġewwa kif ukoll 'il barra. Bis-saħħa tal-politika kummerċjali komuni, l-UE titkellem b'vuċi waħda fix-xena globali. Dan huwa lieva unika.

Bi sfidi interni u esterni ġodda u b'mod aktar partikolari mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida tal-politika kummerċjali – waħda li tappoġġa l-kisba tal-oġġettivi tal-politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-politika kummerċjali trid taqdi r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

Li nagħmlu l-aħjar għażliet ta' politika fit-tfassil ta' politika kummerċjali għad-dinja tal-2030, ifisser li nqisu l-bidliet politiċi, ekonomiċi, teknoloġiċi, ambjentali u soċjali reċenti u x-xejriet globali li joħorġu minnhom<sup>1</sup>.

Ir-restrizzjonijiet imposti fl-2017-2019 diġà affettwaw valur oġġla tal-kummerċ milli matul il-perjodu 2009-16 u l-FMI jqis it-tensjonijiet kummerċjali bħala li għadhom joħolqu riskju serju għall-ekonomija globali, fi żmien ta' dgħufija partikolari.

*Id-Dipartiment tal-Istrateġija, il-Politika u r-Rieżami tal-FMI (2020), Developments in Global Trade Policy: Broadening Conflict May Hinder Recovery, (It-tweessigh tal-Kunflitt Jista' Jfixkel l-*

**L-inċertezza globali qed** tiżdied minħabba tensjonijiet politiċi u ġeoekonomiċi. Minflok il-kooperazzjoni internazzjonali u l-governanza multilaterali, hemm **unilateraliżmu li qed jikber**, bit-tfixkil konsegwenti jew bl-evitar ta' istituzzjonijiet multilaterali. Dawn ix-xejriet għandhom l-għeruw tagħhom f'diversi żviluppi.


L-ewwel, **il-globalizzazzjoni, l-evoluzzjonijiet teknoloġiċi** u l-bini ta' ktajjen ta' valur globali kellhom impatt dikotomiku fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet. Minn naħa waħda, dawn ħolqu kisbiet kbar

fl-effiċjenza, u b'hekk xprunaw tkabbir ekonomiku sostnut u mmexxi mill-kummerċ f'ħafna partijiet tad-dinja. Dan għen biex miljuni ta' persuni joħorġu mill-faqar. Min-naħa l-oħra, dawn l-iżviluppi xi drabi kellhom effett ta' tfixkil qawwi li wassal għal inugwaljanzi dejjem akbar u li ħallew warajhom xi individwi u komunitajiet. Dak li kien mistenni li jkun kostijiet ta' aġġustament tranżitorji xi drabi nbidlu f'telf permanenti fl-istandards tal-ġhajxien, fl-opportunitajiet ta' impjeg jew fil-pagi u f'kundizzjonijiet oħra tax-xoġhol. F'ħafna każijiet, il-gvernijiet jitqiesu li ma kinux qed jirrispondu biżżejjed għall-**aġġustamenti ekonomiċi** u li

<sup>1</sup> Ir-rapport dwar il-Prospettiva Strateġika 2020 tal-Kummissjoni janalizza l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-dinamika ta' xi megatendenzi rilevanti, COM(2020) 493 final. Ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2021 tal-Kummissjoni se jiffoka fuq awtonomija strateġika miftuħa.

qed itaffu l-impatti negattivi tagħhom<sup>2</sup>. Dan wassal għal sejħiet għal deglobalizzazzjoni u għaż-żieda ta' reazzjonijiet li jħarsu 'l ġewwa u iżolazzjonisti.

It-tieni, il-**qawmien** rapidu ta' **Ċina**, li juri l-ambizzjonijiet globali li qed isir b'segwiment ta' mudell statali-kapitalista distint, biddel b'mod fundamentali l-ordni ekonomiku u politiku globali. Dan joffri sfidi dejjem akbar għas-sistema ta' governanza ekonomika globali stabbilita u jaffettwa kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej li jikkompetu globalment u lokalment<sup>3</sup>.



Sors: FMI WEO

b'mill-inqas 55 % sal-2030 kif ukoll il-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-tisħiħ tal-kapital naturali tal-UE. Bħala tali, se tkun il-forza xprunatriċi wara l-kompetittività tagħna u se twassal għal **trasformazzjoni progressiva iżda profonda tal-ekonomija tagħna**, li min-naħa tagħha se jkollha effett qawwi fuq ix-xejriet kummerċjali.

It-tranżizzjoni ekoloġika jeħtieġ li tmur flimkien mal-ekwità soċjali. Għad hemm defiċit serju ta' **xogħol deċenti** fil-ktajjen tal-provvista globali f'haġfa partijiet tad-dinja<sup>4</sup>, minn ksur serju tal-libertà ta' assoċjazzjoni għal kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena<sup>5</sup>. Il-fatt li l-ħaddiema jiġu mċaħħda mid-drittijiet fundamentali tagħhom ipoġġi pressjoni 'l isfel fuq il-kundizzjonijiet soċjali b'mod globali u jħeġġeġ id-diżillużjoni tan-nies bil-globalizzazzjoni u l-kummerċ miftuħ.

It-tielet, l-aċċellerazzjoni tat-**tibdil fil-klima**, flimkien mat-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv li jiddefinixxi żminijietna.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija l-ġdida tat-tkabbir tal-UE li tiffaċilita l-issettjar mill-ġdid tal-politika ekonomika tagħna biex tikkorrispondi aħjar mal-isfidi tas-seklu 21. L-objettiv ġenerali tagħha huwa t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u

reżiljenti sal-2050, bl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra

<sup>2</sup> Fil-livell tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni għandu l-għan li jagħti kontribut biex jiġu indirizzati dawn il-kostijiet ta' aġġustament; ara r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Qed jiġi adottat regolament ġdid, li jippermetti lill-Fond ikompli jappoġġa lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun intilfet.

<sup>3</sup> Din l-isfida hija partikolarment viżibbli fil-qasam tal-industriji intensivi fl-enerġija u b'mod partikolari fis-settur tal-azzar, fejn huma meħtieġa soluzzjonijiet globali biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi enormi fis-suq dinji li jaffettwaw b'mod negattiv lill-kumpaniji Ewropej u jdgħajfu t-tranżizzjoni ekoloġika ta' suċċess ta' din l-ekosistema.

<sup>4</sup> Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), huwa stmat li 25 miljun persuna għadhom f'xogħol furzat, 152 miljun huma vittmi tat-tħaddim tat-tfal u 2,78 miljun ħaddiem madwar id-dinja jmutu minn inċidenti jew mard relatati max-xogħol kull sena; Sorsi: Stimuli globali tal-iskjavitù moderna: xogħol furzat u żwieġ furzat, ILO (2017); Stimuli Globali tax-Xogħol tat-Tfal, ILO (2017) u s-sit web tal-ILO.

<sup>5</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Promozzjoni tax-xogħol deċenti madwar id-dinja, SWD(2020) 235 final.

Ir-raba', **it-trasformazzjoni diġitali** hija faċilitatur ewlieni ieħor tal-iżvilupp sostenibbli, iżda wkoll spazju ta' kompetizzjoni u governanza multilaterali inadegwata. Hekk kif tibda d-Deċennju Diġitali tagħha, l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa huwa prijorità kemm fil-politiki interni kif ukoll f'dawk esterni, inklużi l-politika kummerċjali u l-istrumenti kummerċjali. Fl-istess ħin, **in-natura tal-kummerċ se tkompli tevolvi**. Dan se jsir aktar xprunat mill-innovazzjoni, appoġġat mill-protezzjoni tal-proprietà intellettuali (IP), bi rwol dejjem akbar tal-kummerċ tas-servizzi meta mqabbel mal-oġġetti<sup>6</sup>. Is-servizzi mhux biss jikkontribwixxu direttament għall-katina tal-valur (is-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjoni, l-IT, it-trasport u l-loġistika) iżda - spiss aktar importanti - jikkontribwixxu billi jiġu inkorporati fil-manifattura tal-prodotti. Is-servitizzazzjoni tal-ekonomija u ż-żieda fit-teknoloġiji diġitali ħolqu impjiegi mħallsin tajjeb u ta' kwalità għolja u żiedu t-tkabbir ekonomiku.

**Il-pandemija tal-COVID-19** aċċellerat dawn il-bidliet u ffukat l-attenzjoni fuqhom, filwaqt li ħolqot l-isfidi tagħha stess. Hija enfasizzat in-natura interkonnessa tal-ekonomiji, li jiddependu fuq regoli internazzjonali stabbli u prevedibbli u fuq kanali tat-trasport reżiljenti. Hija esponiet ir-riskju ta' tkissir tal-kooperazzjoni u l-fiduċja globali. Hija qajmet ukoll mistoqsijiet dwar it-taħlita ta' politika t-tajba f'termini ta' diversifikazzjoni ta' sorsi domestiċi u esterni ta' provvista u l-bini ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni u riżervi strateġiċi. Uriet ukoll l-importanza tal-espansjoni tal-produzzjoni tal-prodotti tas-saħħa f'sitwazzjoni ta' kriżi u l-ħtieġa għal kooperazzjoni biex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, din wasslet għal żieda sinifikanti fl-appoġġ u fl-involvement tal-gvern fl-ekonomija, li huma meħtieġa biex jiġu salvati kumpaniji b'saħħithom u biex jiġu protetti l-impjiegi, iżda tista' ma tkunx sostenibbli fit-tul u tista' tiġġenera tensjonijiet.

Fl-aħħar, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-prospettiva ekonomika madwar id-dinja. L-UE se tibqa' potenza ekonomika globali u mexxejja fit-tkabbir sostenibbli. L-aħħar previżjonijiet fit-tul tal-OECD jindikaw li l-PDG reali fiż-żona tal-euro se jżied b'1,4 % fis-sena (rata ta' tkabbir annwali komposta) matul l-10 snin li ġejjin<sup>7</sup>. Madankollu, dawn il-prospetti ta' tkabbir se jiġu oskurati mill-iżviluppi f'reġjuni oħra, u l-pożizzjoni relattiva tal-Ewropa fl-ekonomija internazzjonali se tinbidel. Diġà fl-2024, 85 % tat-tkabbir tal-PDG tad-dinja huwa mistenni li jiġi minn barra l-UE. Il-qawmien li qed ikompli taċ-Ċina se jkollu impatt qawwi fuq l-iżviluppi ekonomiċi globali matul l-10 snin li ġejjin - l-OECD tippredvi li l-PDG Ċiniż se jikber b'4,7 % fis-sena.

Il-politika kummerċjali tal-UE trid tqis dawn ix-xejriet u l-isfidi globali biex tirrifletti l-ambizzjoni politika ta' "Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja"<sup>8</sup>. Jenħtieġ li twieġeb ukoll għall-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati kif indikat f'diskussjoni mal-Istati Membri, ir-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew<sup>9</sup> u l-fehmiet espressi fil-konsultazzjoni pubblika<sup>10</sup>.

---


<sup>6</sup> FI-2016, meta jitqiesu kemm il-prodotti kif ukoll is-servizzi, 80 % tal-importazzjonijiet tal-UE u 82 % tal-esportazzjonijiet tal-UE ġew iġġenerati mill-industriji intensivi fil-PI. IPR-intensive Industries and Economic Performance in the European Union, Industry-Level Analysis Report, joint EPO/EUIPO study (Industriji intensivi fid-DPI u l-Prestazzjoni Ekonomika fl-Unjoni Ewropea, Rapport ta' Analiżi fil-Livell tal-Industrija, studju konġunt tal-UEP/EUIPO), it-tielet edizzjoni, Settembru 2019.

<sup>7</sup> OECD (2020), Tbassir fit-tul tal-PDG reali (indikatur).

<sup>8</sup> Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024.

<sup>9</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE (2020/2761(RSP).

<sup>10</sup> [https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul\\_id=266&utm\\_source=divr.it&utm\\_](https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul_id=266&utm_source=divr.it&utm_)




Sors: Previżjonijiet Reali tal-PDG fuq Terminu Twil tal-OECD

## 2. POLITIKA KUMMERĊJALI LI TAPPOĠĠA L-AWTONOMIJA STRATEĠIKA MIFTUĦA TAL-UE

### 2.1. Awtonomija strateġika miftuħa

UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti teħtieġ **azzjoni interna u esterna** konġunta madwar oqsma ta' politika differenti, li tallinja u tuża l-ġhodod kummerċjali kollha b'appoġġ għall-interessi u l-oġġettivi ta' politika tal-UE. Dan jeħtieġ li nieħdu vantaġġ mill-punti tajbin tagħna filwaqt li naħdmu mas-sħab tagħna. "Awtonomija strateġika miftuħa" twieġeb għal din il-ħtieġa. **Awtonomija strateġika miftuħa**<sup>11</sup> tenfasizza l-kapaċità tal-UE li tagħmel l-għażliet tagħha stess u li ssawwar lid-dinja ta' madwarha permezz ta' tmexxija u involviment, u dan jirrifletti l-interessi u l-valuri strateġiċi tagħha. Hija tirrifletti t-twemmin fundamentali tal-UE li l-indirizzar tal-isfidi tal-lum jeħtieġ aktar u mhux inqas kooperazzjoni globali. Tfiisser ukoll li l-UE tkompli taħsad il-benefiċċji ta' opportunitajiet internazzjonali, filwaqt li tiddefendi l-interessi tagħha b'mod assertiv, tipproteġi l-ekonomija tal-UE minn prattiki kummerċjali inġusti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi. Fl-aħħar nett, hija timplika l-appoġġ ta' politiki domestiċi biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-UE u li jgħinu biex din tiġi ppożizzjonata bħala mexxej globali biex tinkiseb sistema riformata bbażata fuq ir-regoli tal-governanza kummerċjali globali.



Awtonomija strateġika miftuħa hija għażla ta' politika, iżda wkoll mentalità għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Hija tibni fuq l-importanza tal-**ftuħ**, filwaqt li tfakkar fl-impenn tal-UE

<sup>11</sup> Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss, COM(2020) 456 final.

għal kummerċ miftuħ u għust bi ktajjen tal-valur globali li jiffunzjonaw tajjeb, u li huma diversifikati u sostenibbli. Din tinkludi:


- **ir-reżiljenza u l-kompetittività** biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-UE;
- **is-sostenibbiltà u l-għustizzja**, li jirriflettu l-ħtieġa għal azzjoni responsabbli u għusta tal-UE;
- **l-assertività u l-kooperazzjoni bbażata fuq ir-regoli** biex tintwera l-preferenza tal-UE għall-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali, iżda wkoll ir-rieda tagħha li tiġġieled prattiki inġusti u tuża għodod awtonomi biex issegwi l-interessi tagħha fejn meħtieġ.

## 2.2. Il-ftuħ u l-involviment bħala għażla strateġika

*Fl-2019, l-UE esportat aktar minn EUR €3,1 triljun ta' prodotti u servizzi u importat EUR €2,8 triljun ta' prodotti u servizzi. Meħudin flimkien, dan jagħmel lill-UE l-akbar attur fix-xena kummerċjali dinjija.*

**L-UE hija mibnija fuq il-ftuħ, kemm internament kif ukoll esternament.** Hija l-akbar esportatur u importatur ta' prodotti u servizzi madwar id-dinja. Fost l-ekonomiji l-kbar, hija dik fejn il-kummerċ jammonta għall-akbar sehem tal-ekonomija tagħha. L-esportazzjonijiet tal-UE jappoġġaw 35 miljun impjeg fl-UE, żieda minn 20 miljun fl-2000<sup>12</sup>. L-ekonomija tal-UE tiddependi wkoll fuq l-importazzjonijiet, li jipprovdi aċċess għal materja prima kritika u inputs oħrajn. 60 % tal-importazzjonijiet tal-UE fil-fatt jintużaw biex jipproduċu prodotti tal-UE u ż-żieda fil-ftuħ tal-UE għall-importazzjonijiet mill-1995 żiedet id-

dħul tagħha b'madwar € 550 biljun. L-UE hija wkoll destinazzjoni ewlenija għall-esportazzjonijiet minn pajjiżi bi dħul baxx – b'mod partikolari mill-Afrika u mill-ġirien tal-UE, u b'hekk tgħin biex trawwem l-iżvilupp u t-ktabbir ekonomiku madwar id-dinja. Bħal



wara l-aħħar kriżi ekonomika u finanzjarja, il-kummerċ se jkun kritiku għall-irkupru ekoloġiku tal-UE mit-tnaqqis ekonomiku minħabba l-COVID-19.

Sors: Eurostat COMEXT

Sabiex l-UE ssaħħaħ ir-reżiljenza u tappoġġa l-kompetittività tas-setturi ekonomiċi varji tagħha, jeħtieġ li niżguraw aċċess miftuħ u mhux distort għas-swieq internazzjonali, inkluż

<sup>12</sup>Kalkoli interni mid-DĠ TRADE bbażati fuq Arto, I., Rueda-Cantuche, J.M., Cazcarro, I., Amores, A.F., Dietzenbacher, E. Kutlina-Dimitrova, Z. and Román, M. V., EU exports to the World: Effects on Employment (L-esportazzjonijiet tal-UE lejn id-Dinja: l-Effetti fuq il-Qgħad), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2018, ISBN 978-92-79-93283-0, doi:10.2760/700435, JRC113071.

[https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/november/tradoc\\_157516.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/november/tradoc_157516.pdf)

aċċess ġdid għas-suq u flussi kummerċjali miftuħa għall-benefiċċju tal-industrija, tal-ħaddiema kif ukoll taċ-ċittadini tagħna. L-ekosistemi industrijali tal-UE li jinkludu l-atturi kollha li joperaw tul katina tal-valur, mill-bdiewa u l-manifatturi sal-fornituri ta' servizzi, mill-kumpaniji multinazzjonali globali sal-SMEs u n-negozji ġodda, għandhom rwol ewlieni fl-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE.

L-UE hija wkoll **l-akbar fornitur ta' Għajnuna għall-Kummerċ fid-dinja**<sup>13</sup>. Il-pandemija tal-COVID-19 saħħet il-ħtieġa li l-Istrateġija Konġunta tal-UE tal-2017 għall-Għajnuna għall-Kummerċ tiġi implimentata bis-sħiħ. Tabilħaqq, l-UE għandha interess strateġiku li tappoġġa integrazzjoni msaħħa fl-ekonomija dinjija ta' pajjiżi vulnerabbli li qed jiżviluppaw, li ħafna minnhom jinsabu fil-prossimità ġeografika tal-Ewropa.

***L-UE hija s-sieħeb kummerċjali numru wieħed għal 74 pajjiż madwar id-dinja. Hija s-sieħeb kummerċjali numru wieħed għall-Asja, l-Afrika, l-Istati Uniti, il-Balkani tal-Punent u l-Viċinat tal-UE.***

L-UE trid tuża bis-sħiħ **is-saħħa pprovduta mill-ftuħ tagħha u l-attrazzjoni tas-Suq Uniku tagħha**. Il-ftuħ u l-involviment tal-UE fix-xena internazzjonali jagħmluha sostenitur kredibbli tal-kooperazzjoni internazzjonali, tal-multilateraliżmu u tal-ordni bbażat fuq ir-regoli, li min-naħa tagħhom huma essenzjali għall-interessi tal-UE. L-UE taħdem mas-sħab biex tiżgura l-aderenza mal-valuri universali, b'mod partikolari l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jinkludi standards tax-xogħol

ewlenin, u protezzjoni soċjali f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri<sup>14</sup>, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità.

**L-indirizzar tat-tibdil fil-klima u sfidi ambjentali oħra jista' jsir biss permezz ta' ftuħ, involviment globali u kooperazzjoni.** L-UE mhijiex se tirbaħ il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima billi tagħxi waħedha. Sabiex tirnexxi, huwa importanti li jiġi promoss il-fehim fost is-sħab tagħna li t-trasformazzjoni ekoloġika mhijiex biss ħtieġa fit-terminu medju, iżda diġà tikkostitwixxi politika ekonomika intelliġenti llum. L-UE jeħtieġ li tagħmel użu mill-ftuħ tagħha u tinvolvi lis-sħab tagħha, b'mod partikolari dawk li huma l-akbar emittenti u li jniġġsu l-aktar, sabiex dawn jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Bl-istess mod, il-preservazzjoni tal-bijodiversità hija sfida globali li teħtieġ sforzi globali.

**Il-ftuħ u l-involviment huma għażla strateġika** li tipprovdwi wkoll għall-interess mifhum sew tal-Unjoni Ewropea stess. Il-ftuħ iġib il-prosperità, il-kompetittività u d-dinamiżmu. Fl-istess ħin, ekonomija miftuħa jeħtieġ li tiġi kkombinata ma' azzjoni deċiżiva biex jittaffa t-tibdil fil-klima u jkun hemm adattament għalih u biex jiġu protetti l-ambjent u politiki soċjali u tax-xogħol b'saħħithom, li jirrispondu għall-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE. Dan biss se jippermetteli nifirxu l-benefiċċji tal-ftuħ b'mod ġust u jiffaċilita l-aġġustament għat-trasformazzjonijiet tal-ekonomija globali sabiex ħadd ma jibqa' lura.

### 2.3. It-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur

<sup>13</sup> L-Għajnuna għall-Kummerċ għandha l-għan li tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-użu tal-kummerċ bħala ingranaġġ għat-tnaqqis tal-faqar. Il-mira 8.a tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) 8.a fl-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2030 tirreferi għal żieda fl-Għajnuna għall-Kummerċ, b'mod partikolari għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (Least Developed Countries, LDCs). L-SDG 17 jinkludi, fost l-oħrajn, sforzi biex jiżiedu l-esportazzjonijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-LDCs.

<sup>14</sup> Ara l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III.

**It-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-UE**, u l-ktajjen tal-provvista tagħha huma pilastru tal-isforz tal-Unjoni Ewropea lejn awtonomija strateġika miftuħa<sup>15</sup>. Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet taħt prova r-reżiljenza tal-ekonomiji madwar id-dinja. L-ewwel lezzjoni li għandha tinstilet mill-kriżi hija li ħafna mill-ktajjen tal-provvista wrew reżiljenza notevoli. Fil-kundizzjonijiet it-tajba, il-kumpaniji jistgħu jżidu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni globali, b'mod partikolari jekk ikunu jistgħu jiddependu fuq ktajjen ta' provvista miftuħa, appoġġati minn regoli kummerċjali stabbli, prevedibbli u trasparenti.<sup>16</sup> Il-gvernijiet għandhom responsabbiltà speċjali għall-ħolqien ta' ambjent bħal dan, iżda wkoll biex jappoġġaw distribuzzjoni ġusta u ekwa tal-provvisti li għalihom id-domanda hija akbar mill-provvista disponibbli. Il-fiduċja bejn il-pajjiżi, iżda wkoll bejn il-gvernijiet u s-settur privat hija kritika f'dan ir-rigward. L-UE għalhekk appoġġat bis-sħiħ l-isforzi globali fil-G20, id-WTO u r-relazzjonijiet bilaterali, biex timmonitorja l-ktajjen tal-provvista kritiċi, iżżommhom miftuħa u mingħajr tfixkil, u tiżgura aċċess ġust u ekwu għal prodotti kritiċi. Dan kien partikolarment importanti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tat-tilqim tal-COVID-19, fejn il-produzzjoni f'sett limitat ta' pajjiżi teħtieġ li tissodisfa d-domanda tad-dinja kollha. L-UE biħsiebha ssaħħa il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra u mas-settur privat biex tespandi l-produzzjoni u tappoġġa l-aċċess ekwu għat-tilqim. Se tiżgura li kwalunkwe miżura fuq perjodu qasir immirata lejn l-aċċess għat-tilqim ma tfixkilx il-provvisti lil pajjiżi vulnerabbli u tiġi implimentata b'mod immirat tajjeb, ekwu u trasparenti. It-trasport reżiljenti u sostenibbli għandu rwol ewlieni fl-iffaċilitar tal-kummerċ internazzjonali u fil-preservazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-UE. L-iżvilupp tal-konnettività tal-UE għandu l-potenzjal li jagħti spinta lir-reżiljenza għall-kummerċ tal-UE u li jżomm lill-UE bħala ċentru ta' konnettività globali kif rikonoxxut mill-Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.

- *Meta konna ffaċċjati b'żieda bla preċedent fid-domanda, bħal fil-każ tal-maskri tal-wiċċ, il-ftuħ tal-kummerċ kien kruċjali biex tiġi estiża l-firxa ta' sorsi alternattivi ta' provvista.*
- *It-trasparenza hija importanti ħafna wkoll, billi kkontribwixxiet għar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel fejn is-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS) setgħet kienet utli biex ittaffi l-biża' dwar is-sigurtà tal-provvista tal-ikel. It-tnejn għall-kriżijiet se tkun partikolarment importanti fis-settur agrikolu.*
- *Ir-riskju ta' miżuri restrittivi għall-kummerċ li jeliminaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-ktajjen tal-valur globali ma qandux ija*

Minħabba l-iskala tal-kriżi tal-COVID-19 u l-impatt li kellha fuq l-aspetti kollha tal-ħajja ekonomika u soċjali, inklużi l-produzzjoni u l-mobbiltà, l-interruzzjonijiet f'ċerti setturi u prodotti kienu inevitabbli. Il-kombinazzjoni ta' żieda esponenzjali fid-domanda ta' ċerti prodotti kritiċi relatati mas-saħħa b'nuqqasijiet fil-provvista minħabba miżuri ta' lockdown jew miżuri restrittivi kixfet xi vulnerabbiltajiet fis-settur tas-saħħa. Dawn jeħtieġ li jiġu analizzati bir-reqqa u indirizzati b'mod effettiv għall-futur. Is-soluzzjonijiet jistgħu jvarjaw mit-tnejn għall-kriżijiet sad-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, l-iżgurar tal-ħażna strateġika, kif ukoll it-trawwim tal-produzzjoni u l-investment

inkluż fil-pajjiżi tal-viċinat u fl-Afrika.

<sup>15</sup> Il-Kummissjoni adottat l-ewwel Rapport ta' Prospettiva Strateġika li qatt sar tagħha, li jenfasizza r-reżiljenza bħala kumpass ġdid għall-politiki kollha tal-UE taħt din l-aġenda mmexxija mit-tranżizzjoni tal-Kummissjoni u bħala riżultat tal-pandemija traġika tal-coronavirus

<sup>16</sup> Ix-xogħol analitiku tal-OECD ikkonferma li l-ktajjen tal-valur globali mhux biss jimmassimizzaw l-effiċjenza ekonomika, iżda li l-ktajjen tal-provvista reżiljenti huma essenzjali fi żminijiet ta' kriżi biex jassorbu x-xokkijiet, biex joffru għażliet għal aġġustament u jħaffu l-irkupru. Ara Shocks, risks and global value chains: insights from the OECD METRO model (Xokkijiet, riskji u ktajjen tal-valur globali: għarfien mill-mudell METRO tal-OECD), Ġunju 2020.

Is-settur privat għandu rwol ċentrali fil-valutazzjoni tar-riskji u fl-ibbilanċjar tal-produzzjoni “eżatt f’waqtha” b’salvagwardji xierqa. Huwa fattur ewlieni biex tiġi żgurata r-reżiljenza fil-konfront ta’ interruzzjonijiet fil-provvista jew xokkijiet fid-domanda, speċjalment meta l-kumpaniji jiddependu fuq fornitur wieħed.

Dawk li jfasslu l-politika jeħtieġ ukoll li jsaħħu l-fehim tagħhom tal-vulnerabbiltajiet, jaqsmu l-informazzjoni u jrawmu l-kooperazzjoni. Il-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-**identifikazzjoni ta’ dipendenzi strateġiċi**, b’mod partikolari fl-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi bħas-saħħa, se tipprovdi bażi solida għad-definizzjoni tar-risponsi tal-politika meħtieġa u għall-involvement mal-industrija. Dan ix-xogħol se jappoġġa, fost l-oħrajn, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Farmaċewtika<sup>17</sup> l-ġdida u t-tħejjija tal-istrateġija aġġornata għall-politika industrijali.


Il-politika kummerċjali tista’ tikkontribwixxi għar-reżiljenza billi tipprovdi **qafas kummerċjali stabbli u bbażat fuq ir-regoli, tiftaħ swieq ġodda biex tiddiversifika s-sorsi tal-provvista, u tiżviluppa oqfsa kooperattivi għal aċċess ġust u ekwu għal provvisti kritiċi**. F’dan il-kuntest, l-UE qed issegwi mas-sħab inizzjattiva kummerċjali u tas-saħħa fid-WTO.

It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista jimxi wkoll id f’id mal-oġettiv tal-UE li l-ktajjen tal-provvista jsiru aktar sostenibbli, b’mod partikolari billi jiġu promossi standards ta’ sostenibbiltà tul il-ktajjen tal-valur globali. Ktajjen tal-provvista aktar sostenibbli ġeneralment irriżulta li huma wkoll aktar reżiljenti<sup>18</sup>. Il-politika kummerċjali tista’ tikkontribwixxi wkoll għal dan l-oġettiv billi tippromwovi mġiba responsabbli fin-negozju u aktar trasparenza u traċċabbiltà fil-ktajjen tal-provvista. Il-leġiżlazzjoni li ġejja dwar il-governanza korporattiva sostenibbli kif ukoll id-deforestazzjoni se jkunu stadji importanti f’dan ir-rigward.

#### 2.4. Il-politika kummerċjali b’appoġġ għall-interessi ġeopolitiċi tal-UE

Il-kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab se tkun importanti fl-**appoġġ tal-multilateraliżmu<sup>19</sup> u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli**. Il-qafas ta’ governanza ekonomika internazzjonali eżistenti qed jiġi mminat. Jekk dan ikompli, dan se jkollu impatt fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi u l-kummerċ, kif ukoll fuq is-sigurtà u l-istabbiltà li nqisuhom bħala normali. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appoġġ għal multilateraliżmu effettiv ibbażat fuq ir-regoli huwa interess ġeopolitiku ewlieni tal-UE. Għalhekk, ir-riforma tad-WTO trid titqies f’kuntest usa’ tal-prijoritajiet tal-UE li tiżgura li istituzzjonijiet globali li jiffunzjonaw jappoġġaw l-irkupru ekonomiku globali, l-impjiegi deċenti, l-iżvilupp sostenibbli u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-UE jenħtieġ li tintensifika l-ħidma biex jiġu żviluppanti alleanzi b’appoġġ għal istituzzjonijiet multilaterali effettivi. F’dan ir-rigward, se jiġi intensifikat id-djalogu mal-Istati Uniti, mal-Grupp ta’ Ottawa, mal-pajjiżi Afrikani, mal-Indja u maċ-Ċina.

L-UE se tkun teħtieġ **topera f’ordni globali multipolari ġdid ikkaratterizzat minn tensjonijiet**



<sup>17</sup> Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, COM(2020) 761 final.

<sup>18</sup> B’reazzjoni ma’ dan, ara d-dokument tal-OECD dwar il-Covid 19 u l-aġir responsabbli tan-negozji. <http://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/covid-19-and-responsible-business-conduct-02150b06/>

<sup>19</sup> Ara wkoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli.

**dejjem akbar bejn l-atturi ewlenin.** L-UE jenħtieġ li tippromwovi approċi biex jitnaqqsu t-tensjonijiet u tiffittex soluzzjonijiet ibbażati fuq qafas modernizzati ibbażati fuq ir-regoli. Fl-istess ħin, l-UE trid tgħammar lilha nnifisha b'għodod biex topera f'ambjent internazzjonali aktar ostili jekk ikun meħtieġ.

**Ir-relazzjoni transatlantika** hija l-akbar u l-aktar sħubija ekonomikament sinifikanti fid-dinja. Din għandha għeruf fondi fl-interessi u l-valuri komuni<sup>20</sup>. L-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti tippovdi opportunità biex naħdmu flimkien għar-riforma tad-WTO, inkluż billi tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tindirizza d-distorsjonijiet kompetittivi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. Dan joffri wkoll prospetti ġodda għall-kooperazzjoni mill-qrib dwar it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomiji tagħna. Għalhekk, l-UE se tagħti prijorità lit-tisħiħ tas-sħubija tagħha mal-Istati Uniti.

**Ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-UE maċ-Ċina** hija importanti u ta' sfida<sup>21</sup>. Il-politika tal-UE hija bbażata fuq taħlita ta' involviment attiv, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak multilaterali, u ta' żvilupp u implimentazzjoni paralleli ta' strumenti awtonomi meħtieġa biex jipproteġu l-interessi u l-valuri essenzjali tal-UE – f'konformità sħiħa mal-impenji internazzjonali tagħha. Il-bini ta' relazzjoni ekonomika aktar ġusta u bbażata fuq ir-regoli maċ-Ċina huwa prijorità. L-iżgurar li ċ-Ċina tassumi obbligi akbar fil-kummerċ internazzjonali, u li jiġu indirizzati b'mod parallel, ir-riperkussjonijiet negattivi kkawżati mis-sistema ekonomika statali-kapitalista tagħha se jkun ċentrali għall-isforzi tal-UE biex tibbilanċja mill-ġdid ir-relazzjoni kummerċjali bilaterali. Il-konklużjoni politika reċenti tan-negożjati dwar Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment hija parti minn dawn l-isforzi. Il-ħidma biex jiġi rratifikat se teħtieġ impenn ċar lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehim, dwar l-aċċess għas-suq, l-impenji ta' kundizzjonijiet ekwi u dwar l-iżvilupp sostenibbli.

Minn perspettiva strateġika usa', se jkun importanti li l-UE ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' **pajjiżi fl-Ewropa u madwarha** u li tapprofondixxi l-ħidma flimkien mal-**kontinent Afrikan u mal-istati Afrikani**. Hemm diversi rabtiet kulturali, ekonomiċi u politiki bejn iż-żewġ kontinenti. L-istabbiltà u l-prosperità fl-Afrika huma kritiċi għall-istabbiltà u l-prosperità tal-UE u jeħtieġ li jiġu appoġġati permezz ta' integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib taż-żewġ kontinenti, li tixpruna t-tranżizzjonijiet diġitali flimkien mal-Afrika.

Sabiex tgħin biex tissodisfa l-ambizzjonijiet ġeopolitiċi tagħha globalment, l-UE se jkollha bżonn tiddiversifika r-relazzjonijiet tagħha u tibni alleanzi ma' sħab tal-istess fehma, **inkluż permezz tan-network wiesa' tagħha ta' ftehimiet kummerċjali**. Dan in-network huwa essenzjali ma' kull ftehim attwali u futur li jfassal ir-relazzjonijiet tagħna mas-sħab. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) tal-UE huma **pjattaformi għal kooperazzjoni msaħħa li ssegwi l-valuri u l-interessi tagħna**. Huma l-bażi għall-involviment ma' swieq u pajjiżi importanti madwar id-dinja, b'mod partikolari fir-reġjun tal-Asja u tal-Paċifiku, fl-Amerika Latina u fil-Karibew.

### **3. DIREZZJONI TA' TERMINU MEDJU TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI**

#### **3.1. Tliet objettivi ewlenin tal-politika kummerċjali għat-terminu medju**

Il-politika kummerċjali tal-UE jeħtieġ li tiffoka fuq tliet objettivi ewlenin:

<sup>20</sup> Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, "Aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti", JOIN(2020) 22 final.

<sup>21</sup> Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, "UE-Ċina – Perspettiva strateġika", JOIN(2019) 5 final.

***L-ewwel, l-appoġġ għall-irkupru u t-trasformazzjoni fundamentali tal-ekonomija tal-UE f'konformità mal-oġġettivi ekoloġiċi u diġitali tagħha.***

Fil-kuntest tal-isforzi ta' rkupru, il-politika kummerċjali tal-UE jenħtieġ li tkompli twettaq il-funzjoni ewlenija tagħha li tiffaċilita l-iskambju ta' oġġetti u servizzi b'mod li johlq opportunitajiet u benesseri ekonomiku. L-enfasi trid tkun fuq il-benefiċċji għaċ-ċittadini, għall-ħaddiema u għan-negozji. Fl-istess ħin, il-politika kummerċjali tal-UE jenħtieġ li tgħin biex tittrasforma l-ekonomija tal-UE f'konformità mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jenħtieġ li tappoġġa b'mod inekwivoku l-Patt Ekoloġiku fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluża l-ambizzjoni li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050. Fl-istess ħin, il-kompetittività fit-tul, il-prosperità u l-pożizzjoni globali tal-UE se jiddependu fuq il-kapaċità tagħha li tħaddan u tisfrutta t-trasformazzjoni diġitali. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jenħtieġ għalhekk li jkunu prijorità ewlenija għall-politika kummerċjali multilaterali u bilaterali. Biex l-UE żżomm u ssaħħa l-influenza tagħha fit-tiswir tar-regoli meħtieġa f'dan ir-rigward, jeħtieġ li tiżviluppa approċċ aktar strateġiku għall-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali. Dan jitlob integrazzjoni tal-politika aktar mill-qrib bejn il-politiki kummerċjali u l-politiki interni tal-UE.

***It-tieni, it-tiswir ta' regoli globali għal globalizzazzjoni aktar sostenibbli u aktar ġusta.***

Ir-regoli kummerċjali globali għandhom bżonn urġenti li jiġu aġġornati biex jirriflettu l-ambjent ekonomiku tal-lum u l-isfidi li qed tiffaċċja l-komunità globali. Il-fatt li l-globalizzazzjoni ssir aktar sostenibbli u aktar ġusta jenħtieġ li jkun l-ixprunatur sottostanti tal-politika kummerċjali, biex jitwettqu l-aspettattivi tal-Ewropej u ta' persuni oħra madwar id-dinja. Il-politika kummerċjali tal-UE jenħtieġ li tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-ġustizzja soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali.


It-tmexxija tal-isforzi għar-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u t-titjib tal-effettività tal-qafas multilaterali għall-governanza kummerċjali jenħtieġ li jkunu l-prijorità ewlenija għall-UE biex tilħaq dan l-oġġettiv. It-tisħiħ tal-istabbiltà u l-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli se jkun il-pilastru ċentrali tal-azzjonijiet tal-UE, peress li huwa biss f'tali ambjent li l-kummerċ jista' jiffjorixxi u li l-kooperazzjoni internazzjonali tista' tiżviluppa fl-interess ta' futur sostenibbli globali. Fl-istess ħin, hemm bżonn li jiġi żgurat li r-regoli jirrispondu għar-realtajiet ekonomiċi attwali u jkunu mgħammra tajjeb biex jirrispondu għal distorsjonijiet kompetittivi u jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

***It-tielet, iż-żieda tal-kapaċità tal-UE li ssegwi l-interessi tagħha u tinforza d-drittijiet tagħha, inkluż b'mod awtonomu fejn meħtieġ.***

In-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali kien għodda importanti biex jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi u tiġi promossa s-sostenibbiltà; l-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet u l-infurzar tad-drittijiet u l-obbligi li jinsabu fihom se jkunu ħafna aktar sinifikanti. Dan se jinkludi l-iżgurar li l-UE jkollha l-għodod it-tajba għad-dispożizzjoni tagħha biex tiproteġi lill-ħaddiema u lin-negozji minn Prattiki inġusti. Dan jimplika wkoll sforz akbar biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE, biex jiġu livellati l-istandards soċjali, tax-xogħol u dawk ambjentali globalment. Billi ssaħħa l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet tagħha, il-politika kummerċjali tal-UE toħloq il-kundizzjonijiet biex in-negozji jiżviluppaw, jikbru u jinnovaw ruħhom; u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-appoġġ għall-multilateraliżmu u l-ftuħ għall-kooperazzjoni ma jikkontradixxi il-fatt li l-UE hija lesta taġixxi b'mod assertiv fid-difiża tal-interessi tagħha u fl-infurzar tad-drittijiet tagħha. L-UE jenħtieġ li ssaħħa is-sett ta' għodod tagħha kif meħtieġ biex tiddefendi lilha nnifisha kontra Prattiki kummerċjali inġusti jew atti ostili oħra filwaqt li taġixxi f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha.

### 3.2. Sitt oqsma li huma kritiċi biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE fit-terminu medju

Biex twettaq it-tliet objettivi deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni se tiffoka fuq **sitt oqsma**. Għal kull wieħed minn dawn l-oqsma, għadd ta' azzjonijiet ewlenin li għandhom jitwettqu matul il-mandat attwali tal-Kummissjoni huma speċifikati taħt il-punti rispettivi ta' hawn taħt.



#### 3.2.1. Ir-riforma tad-WTO

Id-WTO ilha ta' benefiċċju enormi għall-membri tagħha sa mit-twaqqif tagħha fl-1995. Hija pprovdiet ambjent kummerċjali stabbli u prevedibbli, li jippermetti espansjoni kbira tal-kummerċ globali, filwaqt li jipprovdi qafas għas-soluzzjoni ta' tilwim kummerċjali permezz ta' aġġudikazzjoni. Madankollu, issa qed tiffaċċja kriżi fejn qed tonqos milli ttiprovdi riżultati tan-negozjati li jindirizzaw l-isfidi tal-kummerċ globali. Il-kapaċità tagħha li ssolvi t-tilwim kummerċjali mhijiex qed taħdem, u s-sistema ta' monitoraġġ tagħha jeħtieġ li tittejjeb biex tiġi żgurata t-trasparenza jew jiġu evitati l-ostakoli kummerċjali.

Il-Kummissjoni għandha l-**ħsieb li twettaq riforma tad-WTO fil-funzjonijiet kollha tagħha**.

Ir-regoli u l-prattiki tad-WTO iridu jiġu aġġornati u mtejjba biex jirriflettu r-realtajiet kummerċjali tal-lum. Dan jenħtieġ li jkun ibbażat fuq li l-membri tagħha jkollhom sens ta' skop komuni: l-irkupru u l-iżvilupp ekonomiku, is-sostenibbiltà ambjentali u soċjali. L-immodernizzar tar-regoli u t-titjib tal-funzjonament tad-WTO - inkluż permezz ta' ftehimiet plurilaterali miftuħa - huwa kritiku fl-indirizzar tad-distorsjonijiet kompetittivi, u l-għoti ta' qafas miftiehem għall-kummerċ diġitali u sostenibbli.

Peress li l-kredibbiltà ta' sistema bbażata fuq ir-regoli tiddependi b'mod kruċjali fuq sistema indipendenti u ġeneralment aċċettata biex jiġi aġġudikat it-tilwim kummerċjali, huwa kruċjali li terġa' tiġi stabbilita s-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim.

L-Anness I dwar "Ir-riforma tad-WTO: lejn sistema kummerċjali multilaterali sostenibbli u effettiva" jistabbilixxi l-fehmiet tal-UE dwar il-prijoritajiet għar-riforma tad-WTO.

Il-Kummissjoni se tirsisti wkoll għal riforma multilaterali f'fora oħra, pereżempju dwar il-  
ħolqien ta' qorti multilaterali tal-investment fil-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal-Liġi  
Internazzjonali tal-Kummerċ.

### Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

1. **Tfittex l-adozzjoni tal-ewwel sett ta' riformi tad-WTO** li jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-kontribut tad-WTO għall-iżvilupp sostenibbli, u tnedi negozjati dwar regoli msaħħa biex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba intervent mill-Istat. Dan se jagħti prijorità lit-tisħiħ **tal-kooperazzjoni trans-Atlantika** dwar ir-riforma tad-WTO.
2. Taħdem biex **tirrestawra soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO li taħdem bis-sħiħ** b'Korp tal-Appell riformat.

#### 3.2.2. *L-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli*

Kif rifless fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-ġlieda kontra **t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali hija l-prijorità ewlenija tal-UE**. Il-politiki kollha tal-UE jeħtieġ li jikkontribwixxu iżda l-progress se jiddependi fuq li s-sħab globali, l-emittenti u min iniġġes kbar ikunu lesti li jżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom. Il-politika kummerċjali se jkollha rwol ta' appoġġ importanti.

Id-determinazzjoni tal-Kummissjoni għad-deċennju li jmiss hija li jiġi żgurat li l-għodod kummerċjali jakkumpanjaw u jappoġġaw tranżizzjoni globali lejn ekonomija newtrali għall-klima, inkluż l-aċċellerazzjoni tal-investimenti fl-enerġija nadifa, u li jiġu promossi ktajjen tal-valur li huma ċirkolari, responsabbli u sostenibbli. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' mgħiba responsabbli fin-negozju u r-rispett tal-istandards ambjentali, tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol. Fl-istess ħin, dan ifisser il-ħolqien tal-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet għal prodotti u servizzi sostenibbli.

Biex din il-viżjoni ssir realtà se tkun teħtieġ azzjoni fil-livelli kollha – **b'mod multilaterali, bilaterali u awtonomu**.

Se jkun meħtieġ **qafas multilaterali mtejjeb** biex isejjes it-tranżizzjoni ekoloġika għal ekonomija newtrali għall-klima, ekoloġika u reżiljenti. L-UE se taħdem ma' pajjiżi tal-istess fehma biex issegwi aġenda ambjentali b'saħħitha fid-WTO. Bħala parti minn dan l-isforz, se tmexxi 'l quddiem inizzjattivi u azzjonijiet li jippromwovu kunsiderazzjonijiet klimatiċi u ta' sostenibbiltà fid-diversi funzjonijiet tad-WTO, inkluż inizzjattiva kummerċjali u klimatika. Dawn l-inizzjattivi se jinkludu l-liberalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi magħżula, it-trasparenza, u l-ekoloġizzazzjoni tal-ghajjnuna għall-kummerċ. Dan jenħtieġ li jinkludi wkoll l-iżvilupp progressiv tad-dixxiplini dwar is-sussidji fuq il-fjuwils fossili. Se jippromwovi wkoll deliberazzjoni fid-WTO dwar kif il-kummerċ jista' jappoġġa x-xogħol deċenti u l-ġustizzja soċjali.

In-network vast tal-UE ta' **ftehimiet kummerċjali bilaterali** jiffaċilita l-kummerċ f'teknoloġiji, prodotti, servizzi u investimenti ekoloġiċi. Minbarra li tipprevedi kapitoli ambizzjużi dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, id-dimensjoni tas-sostenibbiltà se tkompli tiġi riflessa f'ħafna aspetti oħra tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tal-UE. Huma jappoġġaw it-tixrid ta' metodi u teknoloġiji ta' produzzjoni nodfa u aktar effiċjenti u joħolqu opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għal prodotti u servizzi ekoloġiċi. Huma jgħinu biex jiġi żgurat aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi għall-industrija tal-enerġija rinnovabbli tagħna, u jiżguraw kummerċ u investment mingħajr distorsjoni fil-materja prima u fil-

prodotti tal-enerġija li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-provvisti meħtieġa biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn ekonomiji newtrali għall-klima. Barra minn hekk, jipprovdu pjattaforma essenzjali biex nikkollaboraw mas-sħab tagħna dwar it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari, it-tniġġis, it-teknoloġiji tal-enerġija nadifa inklużi l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika u dwar it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. U għal ftehimiet kummerċjali futuri, il-Kummissjoni se tipproponi kapitolu dwar sistemi tal-ikel sostenibbli. L-UE se tipproponi li r-rispett tal-Ftehim ta' Pariġi jitqies bħala element essenzjali fi ftehimiet futuri dwar il-kummerċ u l-investment. Barra minn hekk, il-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investment mal-pajjiżi tal-G20 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ambizzjoni komuni biex tinkiseb in-newtralità klimatika malajr kemm jista' jkun u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). Din l-ambizzjoni jenħtieġ li tiġi riflessa wkoll b'mod xieraq fil-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) sottomessi skont il-Ftehim ta' Pariġi. L-UE se tagħti prijorità wkoll lill-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investment.

Il-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tal-UE, kif ukoll is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SPĠ) kellhom ukoll rwol importanti fil-**promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol**, kif rifless fil-konvenzjonijiet fundamentali tan-NU tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Se tingħata prijorità partikolari lill-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji, inkluż azzjoni kontra t-tħaddim tat-tfal bħala parti mill-azzjoni usa' tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata tolleranza zero għat-tħaddim tat-tfal. Wieħed mill-objettivi ewlenin tar-rieżami li jmiss tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SPĠ) se jkun li jkompli jiżdedu l-opportunitajiet tal-kummerċ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex inaqqsu l-faqar u joħlqu impjiegi bbażati fuq valuri u prinċipji internazzjonali, bħad-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħa id-dimensjoni tas-sostenibbiltà tal-ftehimiet eżistenti u futuri fl-implimentazzjoni tal-kapitoli kollha. Hija se ssaħħa l-**infurzar tal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli** abbażi tal-ilmenti li jsiru lill-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (Chief Trade Enforcement Officer, CTEO). Azzjonijiet ulterjuri se jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' rieżami bikri fl-2021 tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt dwar l-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar tal-Kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSDs) fil-ftehimiet kummerċjali. Ir-rieżami se jkopri l-aspetti rilevanti kollha tal-implimentazzjoni u l-infurzar tat-TSD, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, il-possibbiltà ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità, il-klawżola tal-elementi essenzjali kif ukoll l-istruttura istituzzjonali u r-riżorsi meħtieġa.

Barra minn hekk, il-**miżuri awtonomi** qed jappoġġaw l-objettiv li jiġi żgurat li l-kummerċ ikun sostenibbli, responsabbli u koerenti mal-objettivi u l-valuri ġenerali tagħna. Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera (CBAM) huwa eżempju ta' dan. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq proposta għal CBAM sabiex jiġi evitat li l-effettività tal-politiki tagħha stess dwar il-klima tiġi mminata mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Eżempju ieħor huwa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq leġislazzjoni li tindirizza d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Element importanti biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista jkunu sostenibbli u responsabbli se jkun il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-governanza korporattiva sostenibbli, inkluż id-diliġenza dovuta obligatorja fir-rigward tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol. Soġġett għall-valutazzjoni tal-impatt, dan se jinkludi azzjoni u mekkaniżmi ta' infurzar effettivi biex jiġi żgurat li x-xogħol furzat ma jsibx post fil-ktajjen tal-valur tal-kumpaniji tal-UE.

Ir-reġim il-ġdid globali tas-sanzjonijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem se jkollu wkoll rwol biex jiżgura l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem. B'dan ir-reġim, l-UE attrezzat lilha nnifisha

b'qafas li se jippermettilha timmira lejn individwi, entitajiet u korpi – inkluż atturi statali u mhux statali – responsabbli għal, involuti fi jew assoċjati ma' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja<sup>22</sup>.

L-importazzjonijiet iridu jikkonformaw mar-regolamenti u l-istandards rilevanti tal-UE. Kif juru l-eżempji ta' hawn fuq, taħt ċerti ċirkostanzi kif definiti mir-regoli tad-WTO, huwa xieraq li l-UE tirrikjedi li l-prodotti importati jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti ta' produzzjoni. Ir-regoli kummerċjali globali għandhom l-għan li jiżguraw qafas prevedibbli u mhux diskriminatorju għall-kummerċ filwaqt li jissalvagwardjaw id-dritt ta' kull pajjiż li jirregola f'konformità mal-preferenzi soċjetali tiegħu. Il-leġittimità tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-produzzjoni għall-importazzjonijiet hija bbażata fuq il-ħtieġa li jiġi protett l-ambjent globali jew li twieġeb għat-tħassib etiku. Kull meta l-UE tqis li tapplika tali miżuri għal prodotti importati, dan se jsir b'rispett sħiħ tar-regoli tad-WTO, b'mod partikolari l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità, bl-għan li jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ.

Il-Kummissjoni se tkun pijuniera fil-ħidma fuq l-iżvilupp ta' standards għat-ktabbir sostenibbli u fit-tiswir ta' standards internazzjonali f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew filwaqt li tinvolvi ruħha mas-sħab tagħha biex tiżviluppa u timplimenta regoli li huma ambizzjużi bl-istess mod.

#### Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

3. Tmexxi 'l quddiem inizjattivi u azzjonijiet li **jipromwovu kunsiderazzjonijiet klimatiċi u ta' sostenibbiltà fid-WTO.**
4. **Tfittex impenji mis-sħab tal-G20** dwar in-newtralità klimatika, issaħħaħ il-kooperazzjoni dwar **aspetti oħra tal-patt ekoloġiku bħall-bijodiversità, il-politika dwar l-ikel sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari** u tipproponi li r-rispett tal-**ftehim ta' Pariġi jsir element essenzjali fil-ftehimiet futuri kollha.**
5. Ittejjeb l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali permezz tar-**rieżami bikri fl-2021 tal-Pjan ta' Azzjoni ta' 15-il punt.** L-eżitu tar-rieżami se jikkontribwixxi għan-negozjati li għaddejjin u dawk futuri.
6. **Il-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur sostenibbli u responsabbli** permezz ta' proposta dwar id-diliġenza dovuta obbligatorja, inklużi mekkaniżmi effettivi ta' azzjoni u infurzar biex jiġi żgurat li x-xogħol furzat ma jsibx post fil-ktajjen tal-valur tal-kumpaniji tal-UE. Sakemm ikun hemm dispożizzjonijiet vinkolanti, il-Kummissjoni se tipprovdi gwida biex tgħin lin-negozji tal-UE jieħdu l-miżuri xierqa diġà issa f'konformità mal-linji gwida u l-prinċipji internazzjonali tad-diliġenza dovuta.

<sup>22</sup> Is-sanzjonijiet tal-UE huma strument ewleni użat biex jipromwovi l-oġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) li permezz tiegħu l-UE tista' tintervjeni, fost l-oħrajn, biex tipprevjeni l-kunflitt jew tirreaġixxi għal kriżijiet emerġenti jew attwali (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza; COM/2021/32 final)

### 3.2.3. L-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u l-kummerċ fis-servizzi

Il-politika kummerċjali tal-UE trid tgħin biex jinħoloq ambjent fejn il-fornituri ta' servizzi tal-UE jistgħu jinnovaw u jikbru. Bħala prijorità, **il-qafas globali tar-regoli internazzjonali jeħtieġ li jiġi aġġornat.**

L-isfera diġitali se tara kompetizzjoni globali intensa li se tikkonfigura mill-ġdid ir-relazzjonijiet ekonomiċi globali. L-UE tista' tirnexxi

***L-UE hija l-akbar kummerċjant tas-servizzi fid-dinja\*. Il-kummerċ fis-servizzi jammonta għal 25 % tal-PDG tal-UE, u l-esportazzjonijiet tas-servizzi jaqbużu €900 biljun fis-sena. Huwa jappoġġa wkoll 21 miljun impjieg tal-UE direttament jew indirettament.***

***Mill-investiment dirett barrani tal-UE għall-bqija tad-dinja, 60 % huwa fis-servizzi, bħalma hu kważi 90 % tal-investiment dirett barrani li jsir fl-UE.***

\* <https://data.oecd.org/trade/trade-in-services.htm>.

biss fit-trasformazzjoni diġitali tagħha jekk tibni l-aġenda diġitali tagħha b'mod li jħares' il barra, filwaqt li tqis bis-sħiħ ambjent globali li kulma jmur qed isir dejjem aktar kompetittiv u li xi drabi jisfida l-approċċ tal-UE għad-diġitalizzazzjoni bbażat fuq il-valuri. Il-politika kummerċjali se jkollha rwol essenzjali fl-ilħuq tal-oġġettivi tal-UE marbuta mat-tranżizzjoni diġitali. In-negozji Ewropej jiddependu fuq is-servizzi diġitali, u dan kulma jmur se jiżdied. Id-*data* hija s-saħħa ta' ħafna negozji u komponent kritiku tal-ktajjen tal-provvista tal-UE. It-teknoloġiji diġitali jipprovdu kisbiet fl-effiċjenza, li huma meħtieġa biex wieħed jibqa' kompetittiv<sup>23</sup>, iżda qed jittrasformaw ukoll setturi industrijali tradizzjonali fejn il-kumpaniji Ewropej se jkollhom bżonn iżommu u jagħtu spinta lill-pożizzjoni kompetittiva tagħhom. Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali u

l-emerġenza ta' teknoloġiji ġodda għandhom dimensjoni importanti ta' sigurtà u ta' valuri għall-Ewropa u jeħtieġu approċċ ta' politika kkalibrat bir-reqqa internament u esternament. L-implikazzjonijiet ta' **teknoloġiji diġitali ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali**, jeħtieġ li jiġu indirizzati globalment permezz ta' **standards u regoli globali aktar ambizzjużi.**

**L-appoġġ għall-aġenda diġitali tal-Ewropa huwa prijorità għall-politika kummerċjali tal-UE.** L-oġġettiv huwa li tiġi żgurata pożizzjoni ta' tmexxija għall-UE fil-kummerċ diġitali u fil-qasam tat-teknoloġija, l-aktar importanti billi tiġi promossa l-innovazzjoni. L-UE jenħtieġ li tkompli tkun minn ta' quddiem fl-istandards diġitali u fl-approċċi regolatorji, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, fejn ir-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-*Data* spiss jitqies bħala sors ta' ispirazzjoni<sup>24</sup>. Biex jinkiseb dan, **id-WTO jeħtieġ li tistabbilixxi r-regoli għall-kummerċ diġitali u l-UE jeħtieġ li jkollha rwol ċentrali fil-ħolqien tagħhom.** Ladarba jkunu ġew miftiehma, l-UE jenħtieġ li tappoġġa negozjati plurilaterali ulterjuri tad-WTO biex tilliberalizza l-kummerċ fis-servizzi f'setturi li jmorru lil hinn mill-kummerċ elettroniku.

<sup>23</sup> L-aċċess għad-*data* u l-iżviluppi ġodda bħall-passaporti tal-prodotti jistgħu wkoll jisfruttaw aktar valur fil-prodotti u jipprovdu informazzjoni kritika biex jiġi mmassimizzat il-valur ċirkolari, iżda spiss tali *data* ma tiġix trażmessa tul il-ktajjen tal-valur.

<sup>24</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE - COM(2020) 825 final; u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) - COM/2020/842 final, u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*; GDPR).

L-UE se tkun meħtieġa wkoll li ssaħħaħ l-involvement bilaterali u tesplora **oqfsa aktar b'saħħithom għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali relatati mal-kummerċ ma' sħab tal-istess fehma**. Hija se tfittex li tapprofondixxi d-djalogi regolatorji tagħha ma' sħab li jaħsbuha bl-istess mod.

Il-kwistjoni tad-*data* se tkun essenzjali għall-futur tal-UE. Fir-rigward tat-trasferimenti transfruntiera tad-*data* u l-projbizzjoni tar-reqwiziti ta' lokalizzazzjoni tad-*data*, il-Kummissjoni se ssegwi **approċċ miftuħ iżda assertiv, ibbażat fuq il-valuri u l-interessi Ewropej**. Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li n-negozji tagħha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-fluss liberu internazzjonali tad-*data* f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u objettivi oħra tal-politika pubblika, inkluż is-sigurtà pubblika u l-ordni pubbliku. B'mod partikolari, l-UE se tkompli tindirizza l-ostakli mhux ġustifikati għall-flussi tad-*data* filwaqt li tippreserva l-awtonomija regolatorja tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza.<sup>25</sup> Sabiex tivvaluta aħjar id-daqs u l-valur tal-flussi transfruntiera tad-*data*, il-Kummissjoni se toħloq qafas analitiku Ewropew għall-kejl tal-flussi tad-*data*.

#### Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

7. Tfittex il-konklużjoni rapida ta' **ftehim ambizzjuż u komprensiv tad-WTO dwar il-kummerċ diġitali**, inkluż regoli dwar il-flussi tad-*data*, f'konformità sħiħa mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE, u d-dispożizzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.
8. Tesplora l-possibbiltà ta' **kooperazzjoni regolatorja aktar mill-qrib** ma' sħab li jaħsbuha l-istess dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għall-kummerċ diġitali.

#### 3.2.4. *It-tisħiħ tal-impatt regolatorju tal-UE*

Il-kapaċità li jiġi influwenzat l-iżvilupp ta' regolamenti u standards ta' importanza globali hija **vantaġġ kompetittiv importanti**.

Għal għexieren ta' snin, l-UE **kienet minn ta' quddiem f'dan il-qasam**. Dan appoġġa l-ħidma f'korpi internazzjonali li jstabbilixxu l-istandards bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u fora internazzjonali speċifiċi għas-settur. Dawn l-isforzi għenu lill-kumpaniji Ewropej biex jaċċessaw swieq globali, neħħew l-ostakoli kummerċjali u appoġġaw il-konverġenza regolatorja. Dan l-approċċ, flimkien mad-daqs tas-suq tagħha, ta lill-UE influwenza qawwija fuq l-istandardizzazzjoni internazzjonali, li f'xi każijiet wasslet ukoll għal adozzjoni volontarja tal-istandards għoljin, ir-regolamenti u l-objettivi tal-politika tagħha tul il-ktajjen tal-provvista globali. L-esportaturi Ewropej, inkluż l-SMEs, kisbu vantaġġ kompetittiv sinifikanti minn impatt regolatorju qawwi tal-UE globalment.

Il-piż relattiv tal-UE qed jonqos minħabba l-feġġa ta' setgħat regolatorji ġodda u l-iżvilupp teknoloġiku rapidu, li spiss jiġi xprunat minn barra l-UE.

Sabiex l-UE ssaħħaħ l-influwenza tagħha f'dan il-qasam, jeħtieġ li **tiżviluppa approċċ aktar strateġiku għall-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali**, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-UE jeħtieġ li tadotta pożizzjoni aktar proattiva meta tfassal regolamenti ġodda sabiex tkun mġammra aħjar biex tippromwovi approċċi regolatorji

<sup>25</sup> Kif rifless fit-titolu tal-Kummerċ Diġitali tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni konkluż mar-Renju Unit.

tal-UE madwar id-dinja. Dan se jirrikjedi sinerġiji akbar bejn il-politiki interni u l-politiki esterni biex jiġu identifikati fi stadju bikri dawk l-oqsma strateġiċi li jenħtieġ li tiffoka fuqhom il-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali. Dan se jirrikjedi wkoll djalogu u kooperazzjoni mal-korpi li jstabbilixxu l-istandards tal-UE biex jiġu identifikati prijoritajiet strateġiċi relatati mal-istandards internazzjonali. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-analiżi tagħha tad-dimensjoni esterna tal-politiki regolatorji tagħha fil-valutazzjonijiet tal-impatt ta' regolamenti importanti u se tidentifika sħab prijoritarji għall-kooperazzjoni regolatorja. Il-politika kummerċjali jenħtieġ li tkun lesta biex tappoġġa l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mmexxija mir-regolaturi u għal dan il-għan tagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti mill-ftehimiet kummerċjali. Il-politika kummerċjali, flimkien ma' sħubiji internazzjonali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp - inkluż permezz tal-Għajnuna għall-Kummerċ - jenħtieġ li jkollha rwol ukoll fl-appoġġ tal-adozzjoni ta' standards internazzjonali f'pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw u fl-iffaċilitar tal-konformità ma' rekwiżiti regolatorji ġodda. L-UE se ssaħħaħ ukoll id-djalogi regolatorji tagħha ma' pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod fl-Asja/il-Paċifiku u l-Amerika Latina.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti se tkun essenzjali biex jiġi żgurat li r-regolamenti l-ġodda jkunu konformi mal-valuri ta' soċjetajiet demokratiċi, miftuħa u inklużivi.

#### Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

9. **Ittejjeb id-djalogi regolatorji ma' pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod** f'oqsma strateġiċi għall-kompetittività tal-UE. Dan se jirrikjedi l-identifikazzjoni bikrija tal-oqsma prijoritarji għall-kooperazzjoni regolatorja u djalogu aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-istandards tal-UE u internazzjonali.
10. Tiżviluppa **sħubija trans-Atlantika** aktar mill-qrib **dwar it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali** tal-ekonomiji tagħna inkluż permezz tal-Kunsill tal-Kummerċ u tat-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti.

#### 3.2.5. *It-tisħiħ tas-sħubiji tal-UE mal-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir u mal-Afrika*

**Ir-relazzjonijiet l-aktar sinifikanti tagħna huma ma' dawk li huma ġeografikament l-eqreb tagħna.** L-istabbiltà u l-prosperità fil-pajjiżi tal-viċinat tal-UE u fl-Afrika huma fl-interess politiku u ekonomiku tal-UE. L-UE beħsiebha tagħmel dak kollu li tista' biex tappoġġa lis-sħab fl-isforzi tagħhom biex jirkupraw mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. In-network dens tal-UE ta' ftehimiet kummerċjali ma' dawn il-pajjiżi joffri l-prospett ta' integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib u l-iżvilupp ta' networks integrati ta' produzzjoni u servizzi. Dan ikun parti minn strateġija usa' biex jiġi promoss l-investment sostenibbli u tittejjeb ir-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna permezz ta' ktajjen ta' valur diversifikati u jitrawwem l-iżvilupp tal-kummerċ fi prodotti sostenibbli, inkluż sabiex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni tal-klima u tal-enerġija. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, bħala parti mill-kontribut usa' tal-politika kummerċjali għal sħubijiet komprensivi, f'konformità mal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil<sup>26</sup>.

<sup>26</sup> Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil COM (2020) 609 final.

L-UE se ssaħħaħ is-šhubiji ekonomiċi mill-qrib tagħha fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea. L-UE tistenna bil-ħerqa li taħdem mill-qrib mar-Renju Unit biex tuża l-potenzjal sħiħ tal-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. L-UE tistenna wkoll bil-ħerqa l-modernizzazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali u ekonomika tagħha mal-Iżvizzera kif ukoll mat-Turkija, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ix-xierqa.

L-appoġġ ta' integrazzjoni ekonomika aktar b'saħħitha mal-**Balkani tal-Punent** u l-pajjiżi tas-**Šhubija tal-Lvant**<sup>27</sup> se jkun ta' importanza partikolari. Għall-**Balkani tal-Punent**, il-metodoloġija msaħħa tat-tkabbir u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investment<sup>28</sup> jippreżentaw il-qafas għal integrazzjoni aċċellerata tas-suq tal-UE qabel l-adeżjoni, filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi. Din iż-żieda fl-integrazzjoni ekonomika tibni fuq l-impenji proprji tal-Balkani tal-Punent biex jinħoloq Suq Reġjonali Komuni, ibbażat fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE. Għas-Šhubija tal-Lvant, b'mod partikolari s-šhab tad-DCFTA (l-Ukrajna, il-Georgia u l-Moldova), l-UE tappoġġa l-isforzi biex ikun hemm allinjament aktar mill-qrib mal-mudell regolatorju tal-UE, inkluż għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Għal dawk is-šhab, l-isforzi biex jiġu inkorporati r-regolamenti tal-UE jistgħu jkunu akkumpanjati minn djalogu aktar mill-qrib dwar kif għandhom jiġu żviluppati u implimentati, inkluż billi jipparteċipaw fi gruppi ta' esperti u billi jkunu assoċjati aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-UE. Jenħtieġ li tingħata wkoll kunsiderazzjoni għal passi addizzjonali biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ, inkluż permezz ta' ftehimiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità.

It-titjib tar-relazzjonijiet tal-UE u l-integrazzjoni ekonomika mal-**Viċinat tan-Nofsinhar**<sup>29</sup> se jkun hteġa strateġika għal stabbiltà fit-tul. L-UE tibbenefika mill-prossimità ġeografika, mir-rabtiet kulturali u lingwistiċi mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran li jiffaċilitaw din l-integrazzjoni ekonomika u kummerċjali strateġika. Il-politika kummerċjali tista' tkun għodda ewlenija biex jitrawmu interdipendenzi strateġiċi bejn l-UE u l-viċinat tan-Nofsinhar u jiġu żviluppati inizjattivi ta' integrazzjoni ta' benefiċċju reċiproku, b'mod partikolari dwar il-ktajjen ta' valur strateġiċi. Sa mill-bidu tas-snin 2000, l-UE kkonkludiet ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' tmien pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran bħala parti minn ftehimiet ta' assoċjazzjoni usa'. In-negozjati taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) mal-Marokk u mat-Tuneżija ilhom għaddejjin għal diversi snin. L-UE hija lesta li tiddiskuti l-għażliet maż-żewġ šhab biex timmodernizza r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment, biex tadattahom aħjar għall-isfidi tal-lum.

L-UE se **żżid** b'mod sinifikanti **l-involviment tagħha mas-šhab Afrikani** biex tisfrutta l-potenzjal ekonomiku tagħhom, trawwem id-diversifikazzjoni ekonomika u t-tkabbir inklużiv. Dan se jkompli jsaħħaħ ir-rabtiet kummerċjali u ta' investment sostenibbli kemm bejn il-kontinenti kif ukoll fl-Afrika nnifisha<sup>30</sup>. Dan huwa konformi mal-prospettiva fit-tul ta' ftehim ta' kummerċ bejn kontinent u ieħor ibbażat fuq l-implimentazzjoni b'suċċess taż-Żona Afrikana ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali (AfCFTA). Dan jibni b'mod partikolari fuq il-komunitajiet ekonomiċi reġjonali tal-Afrika u l-ftehimiet ta' šhubija ekonomika mal-UE. Din ir-relazzjoni aktar b'saħħitha mal-Afrika jenħtieġ li titrawwem fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' djalogu politiku mal-Unjoni Afrikana u l-membri tagħha, permezz tat-twessigħ u l-approfondiment tal-ftehimiet ta' šhubija ekonomika, u permezz tal-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi individwali biex jiġi promoss l-investment sostenibbli fl-agrikoltura, fil-

<sup>27</sup> It-tisħiħ tar-Reżiljenza - Šhubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd, JOIN (2020) 7 final.

<sup>28</sup> Pjan Ekonomiku u ta' Investment għall-Balkani tal-Punent, COM(2020) 641 final.

<sup>29</sup> Šhubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda ġdida għall-Mediterran; JOIN(2021) 2 final.

<sup>30</sup> Kif deskritt fil-komunikazzjoni konġunta ta' Marzu 2020 dwar l-istrateġija UE-Afrika, "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika", JOIN(2020) 4 final.

prodotti manifatturati u fis-servizzi. Il-Kummissjoni se tibda wkoll riflessjoni dwar il-potenzjal għall-iffaċilitar tal-integrazzjoni fil-kontinent permezz ta' regoli armonizzati tal-oriġini applikabbli għall-kummerċ tagħhom mal-UE.

Il-Kummissjoni se tipproponi **inizjattiva ta' investiment sostenibbli ġdida** lis-sħab jew lir-reġjuni fl-**Afrika u fil-Viċinat tan-Nofsinhar** li huma interessati jagħmlu dan. Dan jista' jsir fil-forma ta' ftehimiet ta' investiment awtonomi jew bħala parti mill-modernizzazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti. Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni, dawn il-ftehimiet se jiffasslu flimkien mal-għodod ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE biex jappoġġaw l-investment u, fejn ikun fattibbli, b'approċċ ta' Tim Ewropa biex jiġu żgurati sinerġiji mal-Istati Membri tal-UE, mas-settur privat, mas-soċjetà ċivili, u mal-atturi rilevanti kollha. L-aktar inizjattiva prominenti minn dawn hija l-Pjan ta' Investiment Estern (PIE) li tnieda fl-2017 għall-Afrika sub-Saħarjana u l-Viċinat tal-UE. Dan jinkludi wkoll il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+), li qed isir applikabbli globalment fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-ġdid għall-2021-2027. It-tliet pilastru tal-PIE se jgħinu biex jappoġġaw l-investment sostenibbli fl-Afrika u fil-Viċinat, filwaqt li jħeġġu riformi biex itejbu l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investment. Dan se jsir bil-ħsieb ta' integrazzjoni interreġjonali u relazzjonijiet kummerċjali aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Afrika hekk kif l-AfCFTA tavvanza.

#### Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

11. Tapprofondixxi r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi ma' pajjiżi oħra fl-Ewropa, inklużi **l-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi li kkonkludew id-DCFTAs mal-UE**, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq kooperazzjoni regolatorja aktar mill-qrib b'appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Din se timmodernizza r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħha ma' daww il-pajjiżi fil-**Viċinat tan-Nofsinhar** li huma interessati fit-trawwim ta' integrazzjoni aktar mill-qrib mal-Unjoni Ewropea.
12. Issaħħaħ l-involviment tagħha mal-**pajjiżi Afrikani** billi:
  - a) issaħħaħ id-**djalogu politiku** u l-kooperazzjoni mal-Unjoni Afrikana u l-Membri tagħha u l-implimentazzjoni bla xkiel tal-AfCFTA, inkluż l-involviment mas-settur privat u l-promozzjoni ta' standards komuni fl-Afrika biex tissaħħaħ l-integrazzjoni reġjonali u kontinentali.
  - b) **tapprofondixxi u twessa' l-ftehimiet kummerċjali eżistenti tagħha mal-komunitajiet ekonomiċi reġjonali Afrikani** u ssaħħaħ id-dimensjoni tas-sostenibbiltà tagħhom.
  - c) tesplora aktar il-possibbiltà li **ssaħħaħ ir-rabtiet u s-sinerġiji bejn arranġamenti kummerċjali differenti mal-pajjiżi Afrikani**, pereżempju permezz ta' regoli tal-oriġini aktar armonizzati fil-kummerċ mal-UE.
  - d) issegwi l-ftehimiet ta' **investiment sostenibbli** mal-Afrika u l-Viċinat tan-Nofsinhar.

#### 3.2.6. *It-tiżniħ tal-enfasi tal-UE fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali, u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi*

Wara l-mewġa ta' ftehimiet ġodda f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni se tiffoka l-isforzi tagħha fuq **l-isfruttar tal-benefiċċji tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE**, flimkien mal-**infurzar assertiv** kemm tal-impenn tagħha tal-aċċess għas-suq kif ukoll tal-impenn tagħha

tal-iżvilupp sostenibbli. Il-partijiet ikkonċernati Ewropej jeħtieġ li jkunu konxji tal-opportunitajiet li joffru l-ftehimiet kummerċjali tal-UE u jkunu kunfidenti li jistgħu jiksbu l-gwadanji li l-UE nnegozjat. L-UE kkonkludiet, jew hija involuta f'negozjati ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku u fl-Amerika Latina, li jifflu opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti. Għalhekk huwa importanti li jinħolqu l-kundizzjonijiet għar-ratifika tal-ftehimiet mal-Mercosur u l-Messiku, u li jiġu konklużi n-negozjati li għaddejjin, b'mod partikolari maċ-Ċili, l-Awstralja u New Zealand, li jinsabu fit-triq it-tajba. Fil-każ tal-Mercosur, għaddej djalogu dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar id-dimensjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim, li jindirizza l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u b'mod partikolari d-deforestazzjoni.

Dan se jkun element kritiku tal-isforz tal-UE lejn awtonomija strateġika miftuħa, u se jiffaċilita l-aċċess għas-swieq, b'mod partikolari għall-SMEs. Dan se jgħin ukoll biex jiġu miġġielda t-tendenzi protezzjonisti u d-distorsjonijiet li jaffettwaw l-esportazzjonijiet tal-UE. Iċ-ċentralità ta' dan il-qasam ta' ħidma ġiet ikkonfermata f'Lulju 2020 bil-ħatra tal-**Uffiċjal Kap għall-Infurzar tal-Kummerċ**.

Dan se jfisser ħidma fl-oqsma li ġejjin:

- **Isir użu sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti mill-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali.** L-UE se tuża l-flessibbiltajiet kollha inkorporati fil-ftehimiet kummerċjali tagħha sabiex ikunu adattati għall-iskop tagħhom u jwieġbu għall-isfidi l-ġodda relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. L-UE se tkompli wkoll tuża l-Għajnuna għall-Kummerċ tagħha biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jimplementaw ftehimiet kummerċjali u tappoġġa l-konformità mar-regoli u l-istandards, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli.
- **L-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati tal-UE biex jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet li jholqu l-ftehimiet tal-UE.** Il-Kummissjoni se tibni fuq is-suċċess tal-portal **Access2Markets**, se tintegra aktar funzjonalitajiet fih u torbtu ma' kanali ta' informazzjoni importanti oħra<sup>31</sup>, speċjalment għall-SMEs. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa wkoll is-settur agrikolu u agroalimentari tal-UE, magħmul primarjament minn SMEs, b'enfasi fuq il-promozzjoni tas-sostenibbiltà u l-kwalità tal-prodotti tagħhom, u b'hekk tagħmilhom minn ta' quddiem fis-sistema ta' sostenibbiltà tal-ikel tal-UE.
- **Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE** u l-iffaċilitar tal-ilmenti relatati mal-ostakoli għall-aċċess għas-suq u l-ksur tal-impenji kummerċjali u tal-iżvilupp sostenibbli permezz tal-Punt tad-Dħul Uniku. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri tal-UE, mal-Parlament Ewropew u mal-partijiet ikkonċernati biex timmonitorja l-implimentazzjoni mis-sħab kummerċjali tal-UE u tiżgura approċċ koerenti. Hija se tipproponi att leġislativ speċifiku meħtieġ għall-infurzar ta', fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit.
- L-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità permezz tas-**soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO jew bilaterali**, fejn ma jirnexxux mezzi oħra. Ir-**Regolament ta' Infurzar aġġornat**<sup>32</sup> isaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi f'sitwazzjonijiet fejn is-soluzzjoni tat-tilwim, skont id-WTO jew ftehimiet bilaterali, tiġi mblukkata.

<sup>31</sup> B'mod partikolari jistgħu jiġu esplorati sinerġiji ma' sorsi oħra ta' informazzjoni inkluż in-Network Enterprise Europe (EEN), iċ-Ċentru tal-Ġappun tal-UE għall-Kooperazzjoni Industrijali, iċ-Ċentru tal-SMEs tal-UE fiċ-Ċina, in-Network Dinji tal-Organizzazzjoni Ewropea tan-Negozju, l-organizzazzjonijiet Ewropej għall-Promozzjoni tal-Kummerċ u l-Helpdesks.

<sup>32</sup> <https://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=2204>

*Għodod online ġodda biex jiġu appoġġati n-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs:*

- jiġu esplorati **sistemi diġitali** aktar **effiċjenti għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-konformità regolatorja**, abbażi tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u s-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni tal-UE għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) u tikkunsidra f'dan il-kuntest id-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-konformità tal-prodott, inklużi ċertifikati ta' konformità għall-prodotti, u l-implimentazzjoni tagħha fil-leġislazzjoni tal-UE.
- tiġi stabbilita għodda ġdida ta' **Aċċess għall-Akkwist (A2P)** li tippermetti lill-operaturi ekonomiċi tal-UE jidentifikaw jekk u taħt liema kundizzjonijiet għandhom aċċess garantit legalment għal offerti ta' akkwist f'pajjiżi terzi;
- tiġi estiża l-għodda **online tal-Portal Access2Markets (A2M)** biex tiżdied u tiġi inkluża informazzjoni għall-esportaturi u l-investituri tas-servizzi tal-UE, u jiġi kkunsidrat titjib ieħor fil-pjattaforma;
- tittejjeb l-Għodda ta' Awtovallutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (ROSA) biex tgħin lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs Ewropej, japplikaw b'mod korrett ir-regoli tal-oriġini meta jesportaw lejn pajjiżi terzi.

- Il-Kummissjoni se tkompli tuża l-**Istrumenti għad-Difiża tan-Negozju** b'mod sod sabiex l-industrija Ewropea ma tkunx esposta għal kummerċ inġust. Dan jinkludi wkoll l-intraċċar ta' forom ġodda ta' sussidjar minn pajjiżi terzi, pereżempju, fil-qasam tal-finanzjament tal-investment, u l-indirizzar adegwat tagħhom b'miżuri ta' dazju kumpensatorju.

- **Fil-qasam tas-sigurtà**, skont ir-**Regolament dwar l-Iskrinjar tal-FDI**, il-Kummissjoni ttenni t-talba tagħha lill-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu u jinfurzw mekkaniżmu ta' skrinjar tal-FDI kompletament funzjonali biex jiġu indirizzati każijiet fejn l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll ta' negozju, infrastruttura jew teknoloġija partikolari joħloq riskju għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku fl-UE<sup>33</sup>. Il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex tiproteġi s-sigurtà u l-ordni pubbliku minn investimenti diretti barranin riskjużi u tikkunsidra li ssaħħa il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit mir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-FDI.

- Il-Kummissjoni se taħdem mal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-**Regolament modernizzat dwar il-Kontroll tal-**

**Esportazzjoni**<sup>34</sup> fuq prodotti u teknoloġiji sensitivi b'użu doppju biex tappoġġa ktajjen tal-valur siguri, tippromwovi s-sigurtà internazzjonali, tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, u tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-UE.

Madankollu, l-UE jeħtieġ li **tiżviluppa l-għodod tagħha biex tiffaċċja sfidi ġodda** u tiproteġi lill-kumpaniji u liċ-ċittadini Ewropej minn prattiki kummerċjali inġusti, kemm internament kif ukoll esternament.

- Il-Kummissjoni se tipproponi strument legali ġdid fil-qasam tal-politika kummerċjali biex tiproteġi lill-UE minn **azzjonijiet** potenzjalment **koerċittivi** ta' pajjiżi terzi.
- Il-Kummissjoni se tipproponi strument legali biex tindirizza d-**distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fis-suq intern tal-UE**.
- Sabiex jissaħħa l-aċċess reċiproku għall-operaturi tal-UE fl-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni se tfittex li tavvanza l-**Istrument Internazzjonali tal-Akkwist u tistieden lill-Kunsill jiffinalizza l-ħidma tiegħu b'urġenza**.

<sup>33</sup> Komunikazzjoni tal-25 ta' Marzu 2020 rigward l-investment dirett barrani u l-moviment liberu tal-kapital minn pajjiżi terzi u l-protezzjoni tal-assi strateġiċi tal-Ewropa, C(2020) 1981 final.

<sup>34</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_20\\_2045](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_2045)

- Fl-aħħar, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi aħjar għan-negozji tal-UE fi swieq ta' pajjiżi terzi, li fihom, dejjem aktar, ikollhom jikkompetu mal-appoġġ finanzjarju li jirċievu l-kompetituri barranin mill-gvernijiet tagħhom, il-Kummissjoni se tesplora **għażliet għal strateġija tal-UE għall-kreditu tal-esportazzjoni**. Dan se jinkludi faċilità ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-UE u koordinazzjoni msaħħa tal-għodod finanzjarji tal-UE. F'konformità mal-oġettiv tal-Patt Ekoloġiku li jitneħħew gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili, dan se jinċentiva wkoll proġetti tat-teknoloġija li ma jagħmlux ħsara lill-klima u jipproponi li jintemm immedjatament l-appoġġ għas-settur tal-enerġija mill-faħam, u li jiġu skoraġġuti l-investimenti ulterjuri kollha fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija bbażati fuq il-fjuwils fossili f'pajjiżi terzi, sakemm dawn ma jkunux kompletament konsistenti ma' perkors ambizzjuż u definit b'mod ċar lejn in-newtralità klimatika f'konformità mal-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-aqwa xjenza disponibbli.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem lejn **l-armonizzazzjoni tar-regoli preferenzjali tal-orijini fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE**, filwaqt li tqis l-interessi tal-partijiet ikkonċernati tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs.

L-isfruttar tal-benefiċċji tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE għall-individwi u l-kumpaniji, l-indirizzar tal-ostakoli eżistenti b'mod aktar sistematiku, u l-prevenzjoni ta' oħrajn ġodda milli joħorġu jeħtieġu sforz kollettiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, tal-Istati Membri, kif ukoll tas-soċjetà ċivili u ta' partijiet ikkonċernati oħra. Il-Kummissjoni se tmexxi dawn l-isforzi, inkluż permezz tal-ħidma tad-Delegazzjonijiet tal-UE u n-networks li l-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju għandhom f'pajjiżi terzi.

#### **Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni se:

13. Tfittex li **tikkonsolida s-sħubiji tal-UE ma' reġjuni ewlenin ta' tkabbir** - fl-Asja u l-Paċifiku u fl-Amerika Latina - bil-ħolqien tal-kundizzjonijiet biex jiġu konklużi n-negozjati u jiġu ratifikati ftehimiet bilaterali pendenti.
14. Tagħmel użu sħiħ mir-rwol tal-**Uffiċjal Kap għall-Infurzar tal-Kummerċ (CTEO)** biex timmassimizza l-benefiċċji ta' eżiti n-negozjati għall-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs u l-bdiewa, u telimina l-ostakoli li jxekklu l-potenzjal tal-ftehimiet li jwasslu riżultat, inkluż dwar l-iżvilupp sostenibbli.
15. Tkompli ssaħħaħ l-**għodod tal-UE biex tiffaċċja sfidi ġodda** u biex tiproteġi lill-kumpaniji u liċ-ċittadini Ewropej minn prattiki kummerċjali inġusti, inkluż permezz tat-tħejjija ta' strument kontra l-koerċizzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora **għażliet għal strateġija tal-UE għall-kreditu għall-esportazzjoni**.
16. Tiżviluppa **għodod online ġodda** biex tappoġġa n-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs.

#### **4. L-APPOĠĠ GĦAL DISKUSSIONI INFURMATA DWAR IL-POLITIKA KUMMERĊJALI**

Bil-Komunikazzjoni tagħha Kummerċ għal Kulħadd<sup>35</sup>, il-Kummissjoni kienet żiedet b'mod sinifikanti l-impenn tagħha li tiżgura politika kummerċjali trasparenti u inklużiva. Il-Kummissjoni se tkompli f'din it-triq, li ġiet riflessa b'mod pożittiv matul il-kontribuzzjonijiet

<sup>35</sup> Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment - COM/2015/0497 final.

għar-Rieżami tal-Politika Kummerċjali<sup>36</sup>. L-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru ppubblikat fl-2019 wera li n-nies jilqgħu l-isforzi li saru matul l-aħħar snin. Sitta minn kull għaxra jgħidu li jafdaw lill-UE biex tmexxi l-politika kummerċjali b'mod miftuħ u trasparenti.

Minħabba l-importanza tad-**djalogu mal-partijiet ikkonċernati** u biex tiġi mħeġġa kollaborazzjoni konkreta dwar kwistjonijiet ewlenin, il-Kummissjoni se tapprofondixxi l-involviment tagħha mas-soċjetà ċivili u mas-sħab soċjali, fuq il-bażi tal-istudju tar-rieżami tad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili li tnedja fl-2020. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni u l-infurzar, billi ssir enfasi fuq l-iżgurar li l-interessi tal-UE jiġu ssodisfati bis-sħiħ fir-rigward tal-benefiċċji mistennija tal-ftehimiet kummerċjali. L-enfasi fuq ir-riforma tad-WTO se tkun riflessa fi skambji msaħħa dwar dawn il-kwistjonijiet.

Sabiex tiġi żgurata bażi soda għall-iżvilupp tal-politika kummerċjali, il-Kummissjoni se **tapprofondixxi wkoll l-isforzi tagħha ta' analitika u ta' għbir ta' data**, u se tkegġeg kontribut analitiku mill-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni *ex-post* tal-impatt tal-ftehimiet tal-UE fuq aspetti ambjentali ewlenin, inkluża l-klima. Il-Kummissjoni se twettaq ukoll ħidma biex tiżviluppa fehim aħjar tal-implikazzjonijiet tal-ugwaljanza tal-ġeneru ta' diversi partijiet tal-politika kummerċjali u tinforma azzjonijiet għal sensibilizzazzjoni mtejbja dwar kwistjonijiet ta' ġeneru fil-politika kummerċjali<sup>37</sup>, inkluż fl-Għajnuna għall-Kummerċ. Se ssir ħidma analitika ulterjuri dwar l-impatti tal-politiki kummerċjali fuq l-impjegji u aspetti differenti tal-iżvilupp soċjali.

## 5. **KONKLUŻJONI**

Il-politika kummerċjali tal-UE għandha tadatta u tirrifletti l-isfidi ta' żminijietna u l-aspettattivi tan-nies tagħna. Hija r-responsabbiltà tagħna li niżguraw li din isservi biex issegwi l-interessi tal-UE, tgħinha tilħaq l-ambizzjonijiet tagħha u tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha fid-dinja, illum u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Din hija r-raġuni għaliex huwa tant essenzjali li l-politika kummerċjali tal-UE tiġi orjentata mill-ġdid lejn l-oġettivi li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali fundamentali tal-ekonomija tal-UE, billi tibni globalizzazzjoni aktar sostenibbli u aktar ġusta bbażata fuq regoli modernizzati, u azzjoni ta' infurzar aktar b'saħħitha. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa biss billi nagħmlu dan li nistgħu niġġeneraw b'mod responsabbli u sostenibbli l-opportunitajiet li ċ-ċittadini, il-ħaddiema u n-negozji tal-UE jistennew, u li teħtieġ il-pjaneta.

---

<sup>36</sup> [https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul\\_id=266&utm\\_source=dlvr.it&utm](https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul_id=266&utm_source=dlvr.it&utm)

<sup>37</sup> Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u l-Għoti tas-Setgħa Ekonomika lin-Nisa fl-Okkażjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Buenos Aires f'Diċembru 2017.